# PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT

**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, IT-TNEJN U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA**
**7.11.10: Fit-3.30p.m.** jitlaq il-Pellegrinaġġ lejn iċ-Ċimiterju
**Fl-4.00p.m.** ikun hemm il-quddiesa u t-tberik tal-oqbra.
Illum se jsir il-ġbir tad-Demm fl-Isptar Generali bejn it-8.00a.m. u s-1.00p.m.
Ta' min ifakkar li fil-gimghatejn li gejjin ser isiru operazzjonijiet fuq is-sinsla tad-dahar lil ghadd gmielu ta' adoloxxenti u d-domanda ghad-demm tizdied ukoll. Ghaldaqstant importanti li kull min jista' jaghti d-demm.
**IT-TLIETA, 9.11.10: Festa tad-Dedikazzjoni tal-Bażilika tal-Lateran.**
**IL-ĠIMGĦA, 12.11.10:** Illum it-Tfal tad-Duttrina jiltaqgħu il-knisja għall-quddiesa tat-7.45a.m.
**IL-ĦADD, 14.11.10: IT-TLIETA U TLETIN ĦADD MATUL IS-SENA**
**FESTA TA' SAN ADEODATO MARTRI**
Illum fil-parroċċa nagħmlu l-festa ta' San Adeodato Martri
**Fit-3.30p.m**. jingħad ir-Rużarju Imqaddes
**Fil-4.00p.m.** quddiesa kantata bil-prietka fuq San Adeodato u dritt wara toħroġ il-purċissjoni bil-korp qaddis li tgħaddi mit-toroq, Dun Xand Aquilina, Santa Marija u Ċenċ.
Il-Ġabra li ssir fil-knisja llum tkun għar-restawri.

## ĠABRA GĦALL-MISSJONI MIT-TFAL.
Il-Ġabra li saret għall-Misjoni mit-tfal fl-iskola kienet is-somma ta' €315. Prosit u Grazzi

## FTUĦ TAĊ-ĊENTRU PARROKKJALI
Nhar is-Sibt 6, ta' Novembru, qed nerġgħu niftħu mill-ġdid iċ-Ċentru Parrokkjali.
L-iskop huwa li l-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikollhom fejn jiltaqgħu u noffrulhom għajnuna għall-formazzjoni tagħhom.
L-eta' se tkun minn form 3 'l fuq.
L-ewwel laqgħa se tkun is-sibt 6 ta' Novembru **fis-7.00p.m**. u f'din il-laqgħa se niddiskutu l-pjanijiet għaċ-ċentru u anke jiġu mressqa xi proposti.
Nistiednu lill-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ kollha jiġu jieħdu sehem f'din l-inizjattiva għalihom stess.

## LAQGĦAT TAL-FORMS GĦALL-BNIET
Il-laqgħa tal-Forms 2 u 3 bniet qed issir nhar ta' Erbgħa, fis-6.30p.m. fid-Dar Parrokkjali
Il-laqgħa tal-Form 4 u 5 qed issir nhar ta' Tlieta, fis-6.30p.m. fid-Dar ta' Main Street.

## IKLA TA' SAN MARTIN
Se ssir ikla ta' San Martin fis-Seminarju u tkun b'risq is-Seminarju Maġġuri. Il-ġurnata se tkun is-Sibt 13 ta' Novembru fis-7.00p.m.
Biljetti mis-seminarju fuq it-Telefon: 21556479.

## IMĠIEBA FIĊ-ĊIMITERJU
Nixtieq niġbed l-attenzjoni ta' kulħadd biex dan il-post qaddis jinżamm bħala post ta' talb u ta' ġabra.
Għalhekk m'għandux ikun hemm ġiri 'l hawn u 'l hemm bla bżonn u anke diskors bla bżonn.
Ninsisti biex wieħed iżomm kemm jista' jkun l-indafa u ma jxerridtx ilma fl-art.
Nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom.